TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 183

KAZ NRU 239

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Doris Tanti

u

Villa Rosa Tourist Complex

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 9 ta' Ottubru, 1984

Chairman: Major S J A Clews MBIM, MIPM.

1. Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tat-18 ta' Frar, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-Appellant qed jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti. L-Appellant kienet irrappresentata mis-Sur Richard Matrenza, filwaqt li s-Sur Tarcisio Vella, Deputy General Manager, deher ghall-Kumpanija Messrs Villa Rosa Tourist Complex.

3. STATEMENTS OF CASE

a. Ghall-Appellant gie sottomess li Doris Tanti bdiet tahdem mal-Villa Rosa Tourist Complex fit-2 ta' Lulju, 1980 bhala 'Housemaid' sal-11 ta' Dicembru, 1982 meta hesrem, filwaqt li kienet bil-vaganzi, il-Principal baghtilha 'telephone message' biex tmur ghand is-Sur Ray Camilleri ghada fil-10 ta' filghodu. B'ittra datata 10 ta' Dicembru, 1982, li kif jidher ma hija ndirizzata lill hadd u ma turix la l'isem u lanqas il-kariga ta' min baghta fuq letterhead tal-Villa Rosa Tourist Complex, hemm miktub: "This is to inform you that your job is hereby terminated as from 11.12.82 (A.L. included). Reason of termination being for inciting employees against Management decisions."

L-Appellant kompliet biex qalet li l-Principal ma qalx lill-impjegata x'inhi l-akkuza, u lanqas tawha c-cans tiddefendi ruha biex fl-ahhar il-Management wasal ghad-decizjoni tieghu fuq il-provi tal-fatti. Lill Doris Tanti akkuzawha, ipprocessawha u kkundannawha. Biex taggrava s-sitwazzjoni aktar il-kumpanija ghazlet li timxi b'dan il-mod ftit granet biss wara li l-Parlament kien ghadu kif ghadda emenda ghall Att Nru XI ta' l-1952 (Conditions of Employment Regulation Act) fejn bl-Artikolu l-gdid kif emendat l-ebda Principal illi kien ihaddem erba min-nies jew aktar ma seta jittermina impieg minghajr il-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol. Wara korrespondenza twila bejn l-Appellant u l-Ministeru tax-Xoghol u saret laqgha ta' koncil-jazzjoni fit-12 ta' Ottubru, 1983, bla ma tintlahaq soluzzjoni, skond l-Appellant, ghaliex l-Employer baqa iebes.

b. <u>Ghall-Kumpanija</u> gie sottomess li l-industrija tat-Turizmu tirrikjedi serjeta li minghajra qatt ma wiehed jista jtejjeb il-prodott tieghu biex jibqa dejjem kompetittiv u jkun jiggarantixxi l-impieg tal-haddiema tieghu. Mrs Doris Tanti, skond il-kumpanija, ma wrietx dik is-serjeta tant necessarja. Dan wara li l-kumpanija pprovat dejjem tghina mill-ahjar mezzi disponibbli u f'Industrija li qeda dejjem tiffaccja diffikultajiet kbar.

4. <u>INSTEMGHU DAWN IX-XHIEDA:</u>

a. <u>Ghall-Appellant:-</u>

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Mrs Stella Falzon - | ex Chambermaid Villa Rosa Tourist Complex |
| (ii) | Mrs Doris Tanti - | l-Appellant. |

b. <u>Ghall-Kumpanija:-</u>

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Mrs Doris Camilleri | Clerk tas-Social Services, Hal Qormi |
| (ii) | Is-Sur Ray Camilleri | Personnel Manager, Villa Rosa |
| (iii) | Is-Sur Sergio Galea | Student Worker, Personal Assistant tal-Managing Director Villa Rosa |

.../3

| | | |
|---|---|---|
| (iv) | Mrs Judith Debono | - Head Front House Clerk, Villa Rosa |
| (v) | Is-Sur Alfred Galea | Chief Executive/Managing Director Villa Rosa |
| (vi) | Miss Josephine Borg | Housekeeper, Villa Rosa. |

5. XHIEDA GHALL-APPELLANT

(i) Fix-xhieda taghha Mrs Stella Falzon qalet li wara xi bejn hamsa u seba xhur li giet 'redundant' mill Villa Rosa, Mrs Tanti qaltilha li dahhlu n-nies u qed jaghmlu x-xoghol taghha (Mrs Falzon). Qaltilha ukoll 'Ghaliex ma tmurx tkellimhom halli jergghu jdahhluk.' Mrs Falzon qalet li marret il-Labour Office ticcekkja u sabet li dahhlu tlieta min nies godda. Fix-xhieda taghha Mrs Falzon qalet li waqt is-sena li kienet tahdem Villa Rosa, hija u Mrs Tanti gew sospisi u filwaqt li Mrs Tanti dahlet lura, Mrs Falzon ghamluha 'redundant' fit-30 ta' April, 1982 fl-istess zmien li Mrs Tanti tawgha l-ewwel 'written warning'.

(ii) Fix-xhieda taghha l-Appellant Mrs Doris Tanti qalet li kienet giet impjegata mal-Villa Rosa bhala 'housemaid' fit-2 ta' Lulju, 1980 imma qatt ma rceviet 'job specification'. Wara sitt xhur giet eletta fuq kumitat tax-xoghol 'Production of Profits, Security and I.D. Cards,' Bhala 'Rooms Representative' kienet ukoll tattendi meetings ta' dixxiplina. Damet fuq il-kumitat xi sena u nofs u rrizenjat ghaliex fi kliema ...... "Tistaqsi for something ghall haddiema u ma jirnexxielekx iggibilhom xejn lill dawn. Hafna paroli ghall xejn, imbaghad la ma nistax nihelpjahom, ghalfejn nibqa fil-kumitat? La ma jsirx li nitlob? So I resigned."

Fuq il-warnings, ghall l-ewwel qalet li kellha wiehed biss - fis-16 ta' Gunju, 1982 u giet ukoll 'Suspended on full pay' fit-2 ta' April 1982 fuq incident iehor. Fuq l-incident dwar it-tkeccija taghha f'Dicembru, 1982 Mrs Doris Tanti qalet li lanqas biss tif-takar li kienet wara r-Reception ghaliex gieli kienet tkun fir-Reception biex tghin lir-Receptionist sakemm tmur sat-toilet, perezempju. Mrs Tanti innegat li qatt qalet xi kliem li bihom kes-kset jew xewxet lill haddiema kontra l-Management. Innegat ukoll li

qalet lill Stella Falzon li qalet li dahhlu n-hies wara li Mrs Falzon giet 'redundant'. Mrs Tanti qalet li apparentament Mrs Falzon semghet qabel ma kienet taf Mrs Tanti stess.

Mrs Tanti ammettiet li forsi qalet lill xi impjegat jew impjegata 'Sewwa, hemm Stella Falzon li kienet redundant u ma baghtux ghaliha!' Fuq it-tkeccija, Mrs Tanti qalet le hadd ma ta chance tiddefendi ruha mill-akkusa. Fil-kontro ezami Mrs Tanti ammettiet li kellha zewg warnings - fit-2 ta' April 1982 u fis-16 ta' Gunju 1982. Fuq il-warning tas-16 ta' Gunju 1982, Mrs Tanti qalet 'No, jiena gejt moghtija dan il-warning u I did not accept it', jiena din ma rajthiex, qatt ma rajta b'ghajnejja'. Fuq il-warning tat-2 ta' April, 1982 Mrs Tanti irrispondiet fil-kontro ezami:- "Jekk jiena rcevejtx wahda bhal din? No Sir, this is the first time I have seen this paper."

Waqt ix-xhieda taghha Mrs Tanti qalet li l-kumpanija kienet taghtha sebgha gimghat leave biex tmur il-Canada, imma minghajr paga. Konfermat ukoll li f'Dicembru, 1982 hadd ma qalla xejn x'qalet jew x'ghamlet sakemm keccewa.

6. XHIEDA GHALL-KUMPANIJA

(i) Mrs Doris Camilleri ikkonfermat li Mrs Tanti bdiet tirregistra ghax-xoghol fil-4 ta' Mejju, 1983 u ghada tirregistra sa issa.

(ii) Is-Sur Ray Camilleri, Personnel Manager, ikkonferma li meta tagha l-ittra ta' "termination" bid-data tal-10 ta' Dicembru, 1982 hu (is-Sur Camilleri) li dak iz-zmien kien Employee Director, qalla "I would take the case and present it to my superiors." Kompla u qal fix-xhieda, "u nara s-superjuri tieghi x'risposta jistghu jaghtuni fuq il-kaz." Is-superjuri qalulhu li l-kaz ta' Mrs Tanti ma kienx kaz ta dixxiplina izda kien kaz ta' termination , 'for inciting employees against management decisions'. Is-Sur Camilleri fix-xhieda ikkonferma ukoll li Mrs Tanti kellha zewg 'written warnings' qabel it-'termination', i.e. fit-2 ta' April 1982 u fis-16 ta' Gunju, 1982.

.../5

(iii) Is-Sur Sergio Galea qal li hu dahal mal-Villa Rosa bhala skrivan (student worker) u kien 'Personal Assistant to the Managing Director' (is-Sur Alfred Galea), li kien ukoll missieru. Dwar it-tkeccija ta' Mrs Doris Tanti, Sergio Galea qal li hu kien irraporta li f'Dicembru, 1982 kien xi 1.00 p.m., u kien ghadu kif wasal ghax-xoghol u dahal ir-Reception ghall posta. Hemmhekk, kien dejjem iqatta bejn 7 u 10 minuti. Dik il-gurnata Mrs Tanti kienet fir-Reception ma Mrs Judith Debono, Head Front House Clerk, u Mrs Tanti, b'ton gholi, qalet li mhux sewwa li tkecciet Stella Falzon u li l-atteggjament tal-Management lejn Stella Falzon u lejha ma kienx sew u li dahhlu xi niex ghaliex kienu tal-'bazuzli'. Sergio Galea kompla u qal li meta sema lill Mrs Tanti titkellem b'ton gholi f'post pubbliku bhala Reception, mar ghand il-Managing Director, is-Sur Alfred Galea, u rraporta lilhu.

(iv) Mrs Judith Debono, Head Front House Clerk, fix-xhieda taghha, qalet li l-Managing Director tal-Kumpanija is-Sur Alfred Galea, fuq rapport li wasallu li ntqal xi kliem mhux xieraq minn Mrs Tanti, kien baghat ghalija il-Board Room quddiem Sergio Galea. Mrs Debono qalet li ma tiftakarx ezatt x'kien staqsiha. Fi kliemha: 'Qaluli li ntqal xi kliem minn Mrs Tanti fir-Reception imma ma ftakartx ezatt". Ftakret li Mrs Tanti kienet bil qiegheda dak innhar u kienet qed tpacpac hdejja fir-Reception, Xejn ma ftakret izjed fuq l'incident. Ghal bidu, lanqas ma ftakret ghal xhiex bghat ghaliha il-Managing Director!

(v) Is-Sur Alfred Galea, Chief Executive/Managing Director tal-Villa Rosa Tourist Complex, qal fix-xhieda u kkonferma taht kontro ezami fit-tul, dak kollu li qal il-Personal Assistant (Student Worker) Sergio Galea. Qal li Mrs Judith Debono kienet ikkonfermat li Mrs Tanti kienet fir-Reception waqt l-incident u saru rimarki minn Mrs Tanti ghaliex il-Management dahhal nies 'tal-bazuzli', u lill Mrs Falzon hallewwa barra.

Is-Sur Alfred Galea qal li minflok ghazlet is-sistema ta' 'Employees Committee' u targumenta bil mezzi u makkinarju li kellha qadet taghmel il-paroli u propaganda hazina f'post pubbliku fir-Reception. Is-Sur Galea ikkonferma li ma bghatx ghall Mrs Tanti meta wasallu r-rapport minn Sergio Galea li Mrs Tanti kienet qed tghaddi xi rimarki fir-reception, imma baghat ghall Mrs Judith

Debono u wara ha d-decizjoni li titkecca Mrs Tanti. Dan ukoll wara li kien jaf b'zewg "warnings" li kellha Mrs Tanti qabel. Skond is-Sur Alfred Galea, wara li giet imkeccija Mrs Tanti, kien impjega tlett haddiema u dahhalhom bil-kondizzjonijiet li jistghu jahslu l-platti u jistghu imorru l-Cresta Quay - xoghol li ma kienitx taghmel Housemaid jew Chambermaid.

(vi) Is-Sur Eugenio Vella, fix-xhieda tieghu, qal li hu kien impjegat bhala Personnel Manager Villa Rosa, bejn Marzu 1980 u Marzu 1982. Ikkonferma li meta impjega lill Mrs Tanti kien hemm sistema li kull impjegat kien jigi mgharraf x'tisterna minnu l-kumpanija, x'beneficcji taghtih, u kien jaghtih 'job description' tieghu u jekk tkun 'available' dak il-hin kien jiffirma. Ikkonferma ukoll li Housemaids u Chambermaids ma kienux jaghmlu xoghol ta' tindif ta' platti, la kienu jahslu tazzi jew jikinsu il-pool area, l-public areas, il-kumpless barra, jew Cresta Quay.

(vii) Miss Josephine Borg, Housekeeper tal-Villa Rosa Tourist Complex, fix-xhieda taghha qalet li kienet ukoll Chairman ta' wiehed mill-kumitati tax-xoghol li kienet taghmel parti minnha Mrs Doris Tanti. Qalet li Mrs Tanti ma kienitx qablet fuq xi affarijiet fuq il-kumitat u kienet irrizenjat. Miss Borg ikkonfermat li Housemaids ma kienux jaghmlu xoghol ta' general cleaners.

7. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

(i) L-Appellant elaborat fuq dak li kien intqal fl-'Statement of Case' u kif ukoll fuq ix-xhieda ta' l-Appellant nnifisha. L-employer ma sostniex l-allegazjonijiet li t-tkeccija ta' Mrs Tanti la kienet 'for inciting employees against management' jew 'for inciting employees against Management decisions'. Li hareg huwa il-fatt ta' kif il-Management kien imexxi l-azienda tax-xoghol, hareg illi ghalkemm fuq l-employment form ikun hemm imnizzel illi l-haddiem ikun inghata 'job description' dan ma jkunx tabilhaqq sar. Il-kumpanija kellha numru ta' proceduri biex jinholoq relazzjoni tajba fuq il-post tax-xoghol. Madankollu, imkien ma hareg illi kien hemm xi sistema prattika ta' grievience procedure' u ta' "disciplinary procedure". L-Appellant tghid li saritilha

akkuza verbali minn Student Worker ta' 17 il-sena b'titolu ta' Personal Assistant tal-Managing Director (li kienu ukoll jigu Missier u Iben). Il-Management ma investigax u lill Mrs Tanti ma tawhiex cans titlob lill xi hadd jiddefendiha. Langas ma huwa cert illi Mrs Tanti kienet fir-Reception u li kienet qed tghid xi kliem ta' tixwiex. L-istess mod vag l-employer biex jipprova jiskusa ruhu ghaliex impjega persuni minflok ohrajn, gal illi x-xoghol li nghataw ma kienx jaghmlu dawk li tilfu l-impieg, u pprova jiggustifika li ma kien fl-interess ta hadd illi jesponi min skond l-istess Management, kien ghamillu pressjoni biex idahhal lill dawn in-nies. Fuq il-'warnings' tat-2 ta' April, 1982 l-Appellant qalet li ma kienx ngiebu provi, waqt li dik tas-16 ta' Gunju 1982 il-Management ta 'warning' lill Mrs Tanti biss minkejja li kien hemm nuqqas ta impjegati ohrajn fuq rapport twil ta klient. Mrs Tanti kompliet tghid fis-sottomissjonijiet finali li mhux biss ma gietx trattata bil-haqq u kif jixraq fiz-zmienijiet tal-lum, imma l-employer ma ppruvax l-akkusa li hareg kontra taghha meta qabad u keccija. Hi bhala kap ta' familja wehidha trid tahdem biex tghajjex lilha nnfisha u d-dipendenti taghha. Ir-record tax-xoghol taghha mal-Villa Rosa Tourist Complex kien nadif u hija dejjem fittxet biex tghin, mhux tfixxkel fit-tmexxija ta' l-azjenda.

(ii) <u>Il-Villa Rosa Tourist Complex</u> ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha fit-tul u fid-dettal. Fihdax il-faccata (single spacing) fejn intuzaw hafna paroli zejda li ma kienx ta ghajnuna lit-Tribunal, il-kumpanija qalet li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Mrs Doris Tanti sar skond procedura miktuba u accettata mill-kumpanija u mill-haddiema permezz ta' Employee Directors u ghalhekk mhux minnu li Mrs Tanti tkecciet mill-Villa Rosa minghajr raguni valida, kif gie allegat mill-Appellant. L-Appellant sostniet li ma kelliex cans tiddefendi ruhu u li l-Management "f'hakka ta' ghajn" akkuza, ipprocessa u kkundannha.

Il-Kumpanija staqsiet: "F'liema stabbiliment kien hemm procedura ta' dixxiplina maghmula mill-haddiema, is-seduti jinstemghu mill-haddiema u d-decizjonijiet jittiehdu mill-istess haddiema minghajr l-ebda intervent ta' xi membru tal-Management. L-Appellant qalet ukoll li l-Villa Rosa "sfidat mhux biss il-ligi, kif ukoll kull

.../8

prattika moderna u stabilita ta' relazzjonijiet tajba ta' xoghol bejn il-haddiem u min ihaddmem'. Dan, qalet il-kumpanija, mhux minnu ghaliex propju xhar biss wara t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Mrs Tanti, il-kumpanija rregolat ruha mal-ligi u dahhlet impjegata gdida. Il-Kumpanija kompliet tghid li l-Appellant ibbazat id-difiza taghha ukoll fuq il-fatt li ma gietx maghtja mill-Managing Director biex tiddefendi ruha, il-kumpanija ghamlet id-domandi: 'Allura, jfisser li l-kumpanija ma kelliex dritt titterminala l-impieg wara li s-Sur Galea ikkonsulta ruhu mas-Sur T Vella?' Veru qalet il-kumpanija li preferibilment l-employer ghandu jaghti cans lill haddiem jiddefendi ruhu, izda n-nuqqas ta' dan ma jfissirx li t-tkeccija hi ngusta. Wara kollox wiehed ma ghandux jinsa li l-Board tad-dixxiplina gie sospiz sakemm jiddecidu (il-haddiema) xi jridu jaghmlu. Il-kumpanija kompliet taghti spiegazioni tax-xhieda prodotti mill-kumpanija, mill-appellant u wara ukoll spiegat 'l-procedura uzata li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-Appellant. Fl-ahharnett, il-kumpanija qalet li l-appellant ma kelliex l-awtorita toqghod fir-Reception, u wisq aktar il-kliem li ntqal minnha ma seta jaghmel bl-ebda mod gid lill-ebda parti involuta, u l-appellant kisret procedura miktuba u accettata mill-haddiema.

8. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

Wara li semgha u studja bir-reqqa gbira dak kollu li qalu x-xhieda bil-gurmanet studja bir-reqqa ukoll id-dokumenti kollha, lis-Statement of Case u Final Submissions, it-Tribunal josserva:-

(a) Il-Kumpanija ppruvat li qabel it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Mrs Doris Tanti, hadet konsiderazjoni ghal fatt li hija kienet irceviet zewg written warnings (fit-2 ta' April 1982 u 16 ta' Gunju 1982). Ix-xhieda ta' Mrs Tanti fuq dawn il-warnings kienet imhawda. L-ewwel hija cahdet li qatt rat warning letter, u mbaghad ammettiet li kienet intbghatitilha bil-posta. Rigward il-warning tas-16 ta' Gunju, hija cahdet li kienet f'dik il-kamra kif intqal, u mbghad ammettiet li veru hekk kien; qalet ukoll li pero ma kienetx accettat il-warning u ma ffirmatiex.

.../9

(b) Ghar rigward ta l-ahhar incident li wassal ghat-tkeccija ta' Mrs Tanti, it-Tribunal osserva li Mrs Stella Falzon xhud l-Appellant stess, qalet li l-Appellant kienet qaltilha li xi hadd iehor gie impjegat minfloka. Izda Mrs Tanti qalet fix-xhieda taghha li kienet Mrs Falzon li kienet avvicinata, u staqsitha jekk kienx veru li xi hadd gie impjegat minfloka.

(c) Ix-xhieda ta' Mrs Tanti dwar dak li kien gara fir-Reception, ma taqbilx ma dak li ntqal minn Mrs Judith Debono, li ta min jinnota ma kienitx ta ghajnuna. Difficili biex wiehed jifhem kif meta din lehret quddiem il-Managing Director, wara l-incident, fix-xhieda taghha qalet li ma tiftakarx x'mistoqsijiet ghamilla l-Managing Director f'dak il-waqt, izda ftakret li f'dik il-gurnata Mrs Tanti kienet bil-qieghda maghha fir-Reception area. Ftakret lis-Sur Galea jistaqsi jekk Mrs Tanti ghadditx xi rimarka izda ma ftakritx x'irrispondiet u lanqas jekk fil-fatt Mrs Tanti ghaddietx remarki jew le.

(d) Ghar-rigward li l-kumpanija ma staqsitx ghall-versjoni ta' Mrs Tanti, it-Tribunal josserva li din l-attitudni hija hazina hafna. Ghalkemm dan ma kienx jigi injorat, ta min jinnota fix-xhieda ta' Ray Camilleri li kien qal lill Mrs Tanti, li hu kien lest biex jiehu l-kaz taghha quddiem is-superjuri tieghu. Hu hekk ghamel, u gie nfurmat mis-Sur Galea 'Dan mhux kaz ta' dixxiplina, izda kaz ta tkeccija'. Hu wara baghat ghal Mrs Tanti u l-assistent tieghu ta lilha l-ittra tat-tkeccija.

(e) Ta min jinnota li billi kienet membru tal-kumitat tal-Protezzjoni ghall Profetti, Sigurta u I.D. Cards, u Membru li wkoll attendiet Disciplinary meetings taht ic-Chairmanship tal-Employee Director, hija kienet konxja 'tar-Regulations re Deductions from ex-Gratia Bonus, Warnings and Discharges'.

(f) Punt li t-Tribunal ikkonsidra kien fuq iz-zewg versjonijiet moghtija dwar ir-raguni tat-tkeccija. L-ewwel versjoni kienet 'for inciting employees against Management' u l-versjoni l-ohra kienet 'for inciting employees against Management decisions'. Fl-opinjoni tat-Tribunal, iz-zewg versjonijiet tista tittiehed li huma 'insubordination' li ghaliha l-Kumpanija qalet li Mrs Tanti giet

imkeccija taht is-skeda tar-'Regulations u Deductions from ex-Gratia Bonus, Warnings and Discharges'.

(g) Ix-xhieda li nghatat kemm minn Alfred Galea u t-tifel tieghu Sergio Galea, kienet cara, u l-Managing Director kien cert li dak iz-zmien Mrs Judith Debono kienet ikkonfermat dak li kien irraporta Sergio Galea. Mix-xhieda ta' Mrs Falzon hareg car li l-Management gie mgharraf bil-fatt li Mrs Tanti kienet irrimarkat li xi 'basusli' gew impjegati minflok Mrs Falzon. Is-Sur Alfred Galea qal li l-incident ta' Mrs Tanti fir-Reception kellu effett hazin hafna fuq il-Villa Rosa Tourist Complex.

(h) It-Tribunal innota mix-xhieda ta' Miss Josephine Borg li Mrs Tanti kienet membru attiva hafna tal-Workers Committee, li fih kienet involuta ghal xi sena u nofs, izda r-ragunijiet ghar-rizenja taghha ma kienux ta' wahda li riedet tghin lill-haddiema bhala u l-Management. It-Tribunal ha l-impressjoni li Mrs Tanti hija persuna zbukkata hafna u dan gie nnotat hafna drabi mill-attitudini taghha u minn certi kliem waqt li hija kienet qieghda taghti x-xhieda.

(i) It-Tribunal ha l-konsiderazzjoni tal-fatt li filwaqt li l-Managing Director baghat ghal Mrs Judith Debono biex tikkonferma l-istqarrija ta' Sergio Galea, ma ghamilx l-istess ma Mrs Tanti biex taghti l-versjoni taghha fuq l-incident.

(j) Fl-istess hin, it-Tribunal ikkonsidra l-fatt ta' kif l-appellant giet mkeccija li huwa nieqes mill-aspett ta' relazzjonijiet umani. Giet mitluba biex tidhol meta kienet bil-'leave' u tirraporta ghand il-Personnel Manager, fejn giet moghtija ittra (li ma kienetx indirizzata lilha personali fuq l-ittra stess) li kienet tghid li hija giet mkeccija mill-ghada . Ukoll l-ittra giet iffirmata minn xi hadd mid-Dipartiment tal-Personnel li ma werihiex il-kariga tieghu.

9. AWARD

Filwaqt li t-Tribunal jiddikjara li quddiemu tressqu provi sufficjenti biex juru li kien hemm raguni valida ghat-tkeccija ta' Mrs Tanti, tant iehor ma jistax jinghad ghal mod kif giet esegwita t-tkeccija. Ghal din ir-raguni, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara favur il-Kumpanija fuq it-tkeccija, jordna li l-Kumpanija thallas lil Mrs Doris Tanti s-somma ta' LM160 bhala kumpens ghal mod ta' kif giet esegwita t-tkeccija.

Din is-somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data ta' dan l-Award.

B'din id-Decizjoni, it-Tribunal Industrijali jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

STANLEY J A CLEWS
Chairman

A BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 9 ta' Ottubru, 1984

ja